Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 284 / 2019**

Il-Pulizija

vs

**Wayne Portelli**

Illum, 21 ta' Jannar, 2020.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Wayne Portelli, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 118590 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fit-2/12/2018 ghal habta ta`bejn 22:00hrs u 22:12hrs bil-vettura HBR 736 ġewwa TRIQ ELIJA ZAMMIT, SAN GILJAN:

1. Soqt jew ppruvajt issuq, jew kellek kontroll ta` vettura bil-mutur jew vettura ohra li kienet fit-triq jew f`post pubbliku iehor waqt li ma kontx f`kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi (Kap 65 Artiklu 15 A (1));

2. Inqast jew irrifjutajt li taghti skond il-ligi kampjun tan-nifs, tad-demm u/jew ta` l-urina (Kap 65 Section 15 (E));

F`kaz ta' htija tal-imputat, il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex b`zieda ghall piena ghandha tiskwalifika lill-imsemmija persuna milli jkollu jew jikseb licenza tas-sewqan ghal zmien ta` mhux inqas minn tmint (8) ijiem

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-1 t' Ottubru, 2019, fejn il-Qorti wara li rat l-akkużi u l-liġi, ossia Kap 65 Artiklu 15 A (1), Kap 65 Section 15 (E), illiberat lill-imputat mill-akkuzi kollha migjuba kontrih.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali minnu pprezentat fil-25 t' Ottubru, 2019, fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha **thassar u tirrevoka** s-sentenza appellata u tghaddi biex issib lil Wayne Portelli hati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u tinfliggi piena gusta u ekwa hekk kif titlob il-ligi.

Rat **illi l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu f' dan li ġej.**

Illi fil-9 ta' Ottubru 2019 l-esponent irċieva mingħand il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali l-atti proċesswali fl-ismijiet premessi u ħassu aggravat bihom b' mod ċar u manifest in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-liġi u tal-fatti meta ghaddiet biex tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni u htija;

Illi a skans ta' ekwivoci l-ewwel Onorabbli Qorti ghaddiet biex tillibera lil imputat Wayne Portelli abbazi tal-fatt li n-numru tal-identita ta' Wayne Portelli gie imnizzel hazin fuq il-Affidavit ta' PS 249 Michael Vella u cioe n-numru tal-identita tnizzel bhala 18590 M minflokk 118590 M;

Illi l-esponenti umilment u bir-rispett ma jistax jaqbel mal-mod kif l-ewwel Onorabbli Qorti ghazlet li tinterpreta l-provi kif migjuba quddiema;

Illi l-esponenti jkompli jsostni li ma hemm l-ebda dubju li l-persuna li kienet qieghda issuq taht l-influenza tax-xorb dakinhar tal-incident odjern huwa l-istess persuna li deher debitament notifikat quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti u, minghajr ma jikkondoni l-izball fuq l-affidavit ta' PS249 Michael Vella, in-nuqqas ta' numru wiehed minn numru tal-identita ta' Wayne Portelli huwa biss lapsus calami jew ahjar lapsus computeri;

Illi in linea ma hekk l-esponenti umilment jistiden lil din l-Onorabbli Qorti tevalwa l-provi l-ohra esebiti in atti u senjatament l-affidavit stess ta' PS 249 fejn fuq nett hemm indikat l-okkju tal-kaz odjern u n-numru tal-identita ta' Wayne Portelli (118590M) u l-breathalyzer report iffirmat minn PS 249 u Wayne Portelli innifsu fejn hemm imnizzel in-numru 118590M nhala Driver ID ;

Illi ghalhekk jirrizulta car kristal li n-nuqqas tan-numru wiehed (1) minn numru tal-karta tal-identita ta' Wayne Portelli kien biss lapsus calami da parti tal-Ufficjal tal-Pulizija li kien qieghed jhejji l-affidavit u ma huwiex tali zball gravi li jwassal ghal xi tip ta' dubju serju u kbir ghar-rigward tal-identita tal-imputat;

Illi l-Qrati nostrana diga kellhom l-opportunita jigwidawna dwar kif lapsus calami bhal dak odjern ghandu jigi ndirizzat mill-prattikanti u gudikanti tal-Qrati taghna specjalment meta tali lapsus huwa wiehed rimedjabbli u genwin;

Illi ghalhekk l-esponenti umilment jsostni li l-Qorti kienet zbaljata meta abbazi ta' numru wiehed biss ghaddiet biex tiddikjara li ma ingibitx l-ahjar prova u tillibera lil imputat meta kien hemm mill-inqas zewg provi univoci u diretti ohra li jeliminaw kull dubju li jista jitnissel dwar l-identita tal-imputat, b' dan li l-Qorti kellha issib lil Wayne Portelli hati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lill-partijiet jittrattaw dan il-kaz u dan fis-eduta tas-26 ta' Novembru 2019.

Ikkunsidrat,

Illi dan hu appell mill-Avukat Generali li gie prezentat wara li l-ewwel Qoeti kienet illiberat lill-appellat odjern mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu fuq il-premessa li l-akkuzi ma setghux jigi pruvati sal-grad rikjest mill-ligi stante li kien hemm zball fin-numru tal karta ta' idenita tal-appellant kif regitrat fuq il-Breath alcohol test record u ghalhekk dan fil-fehma tal-Qorti ikrkeja kunflitt fil-provi.

L-Avukat Generali interpona dna l-appell u dan ghaliex il-fehma tieghu n-nuqqas wiehed (1) minn numru tal kara ta' identita tal identita tal-appellat kien biss kaz klassiku ta' lapsus li ma jwassalx ghal dubju dwar l-identita' tal-akkuzat.

Ikkunsidrat.

Illi l-fatti fil-qosor kienu s-segwenti:-

1. Il-pulizija esekuttiva tghid li waqfet persuna fuq kwistjoni ta' sewqan taht l-influwenza ta' xorb u meta talbuh ghall-karta ta' identita' dan qallhom li kien tilifha u ghalhekk il-pulizija hadu id-dettalji tal-persuna mis-sistema tal- PIRS.
2. Irrizultalhom li l-persuna kienet dik ta' Wayne Portelli bil-karta ta' identita numru 18590(M) kif indikat fl-affidavit ta' PS 249 esebit fl-atti a fol. 3 tal-process.
3. Il-pulizija harget l-akkuzi relattivi kifmurija filkomparixxi a fol 1 tal-atti u hemmhekk l-karta tal-identita tal-appellat Wayne Portelli giet indikata bhala 118590(M).
4. Illi fuq il-breathylser Breath Alcohol Test esebit fl-atti a fol. 12 jirrizulta li d-driver li waqfet il-pulizija nhar it-2 ta' Diembru 2018 kellu karta tal-identita numru 118590(M).
5. Dan in-numru tal-karta ta' identita hu ukoll rapportat fl-okkorenza esebita fl-atti a fol. 13 et seq.
6. Ghal darb ohra dan in-numru 118590(M) hu indikat fl-okkju tas-sentenza.

Ghalhekk jidher li in effetti l-unika darba li n-numru inkiteb differenti kien fl-affidavit li rrilaxja PS 249 Michael Vella.

Din il-Qorti hasset il-htiega sabiex tesamina dan l-affidavit ta' PS 249 Michael Vella bil-ghan biex tar jekk l-persuna tal-akkuzat gietx identifikata b'manjera sufficjenti sabiex il-Qorti tkun tista taghti l-gudizzju taghha.

**PS 249 Michael Vella** jghid li nhar it-2 ta' Dicembru, 2018 ghall-habta tal-10.00m waqt li kien flimkien mal-kollega tieghu PC 1436 dettaljat Paceville innutaw fil-piazza quddiem Burger King vettura tal-ghamla BMW ta' lewn hamranija bin-numru ta' registrazzjoni HBR 736 u din kellha l-pjanca ta' quddiem li kienet mad-dashboard. Meta raw hekk marru u waqfuh immedjatament biex ighidulu jiehu hsieb iwahhal il-pjanca quddiem skond il-ligi u malli marru biex ikelmu lix-xufier setghu ixommu riha qawwija ta' alcohol hierqa minn halq ix-xuffier u apparti hekk dan beda ihawwad fi kliem.

Fil-pront ordnawlu jitfi l-vettura u inehhi ic cavettminn mal-ignition biex inehhu l-perikolu li dan jerga isuq u jahrab minn fuq il-post u min naha tieghu beda jghid li ma kienx jaf fejn hi c-cavetta tal-karozza.

Hemmhekk gie mgharraf li kien sr jittihed l- breathalyzer test fejn min naha tieghu beda ighid li ma iridx jghamel dan it-test u huwa infurmah li kellu kul dritt li ma jghamlux izda jekk ma jghamlux dan kien ser jinstab hati u li xorta kien ser johroglu ic-charges

Jghid li talbuh ghal xi dokumenti pero stqarr li fuqu ma kellux u fil-fatt qal li kien ghamel rapport xi stt xhur qabel li kien tilef id-dokumenti tieghu. Jghid li id-detalji gew konfermati mas-sistema tal- PIRS II. Waqt li kien qed idahhal ir-rapport fis-sitema tal PIRS rega taqsih jekk ridx jghamel it-test izda ma ridx u ghalhekk hareg tlett ricevuti tat-test. Qal li l-ircevuti gew firmti minn Wayne Portelli. Ix-xhud esebixxa ukoll kopja tal-okkorennza meuda minnu (fol. 13) fejn hemm indiakt li in numru tal karta ta' identita ta' Wayne Portelli kienet (118590(M).

Jidher ghalhekk li mill-provi akkweziti n-numru tal karta ta' identita ta' Wayne Portelli fuq il-breathylser test record, fuq l-okkorenza mahruga minn PS 249 l- ufficcjal li investiga l-kaz u fuq ic-charge sheet kien l-istess u cioe 118590(M). L-unika post fejn n-numru huwa differenti huwa fuq l-affidavit rilaxxjat minn PS 249. Illi minkejja li hemm dan l-izball

jidher car li meta gie ingunt jitla l-Qorti l-appellat telgha u ikkontesta l-akkuzi. Jidher ghalhekk li l-akkuzi li hargu a bazi tal-okkorenza gew notifikat lill-appellat. Jinghad li pero minkejja li fuq il- breathalyzer test record hemm l-istess numru tal karta ta' identikat tal-appellant kif indikat fl-okkorenza fuq il breathalyzer fuq wara hemm ukoll referenza ghall-okkorenza u cioe li ifisser li dak l-breathalyzer jirreferi ghal dak l-okkorenza fejn hemm effettivament d-detentur tal-karta ta' identita numru 118590(M) gie mitlub jghamel it-test. Issa skond l-okkroenza marbuta ma dan it-test jidher li id-detentur tal-karta ta' identita numru 118590 huwa Wayne Portelli. L-istess perunsa li gie imsejjah il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuza dwar nuqqas ta' tehid ta' breathalyzer. Dak li evidentement inkiteb fuq l-affidavit ta' PS 249 u cioe bhala numru ta' karta ta' identita huwa *lapsus calami.*

Ghalhekk fid-dawl ta' dak li intqal aktar il fuq din il-Qorti qieghda tilqa' l-appell tal-Avukat Generali billi qeda thassar u tirrevoka is-sentenza mghotija mill-ewwel Qorti nhar il-25 ta' Ottubru 2019 fl-ismijeit premessi.

Dwar il-mertu jirrizulta bla tlaqlliq li l-appellat Wayne Portelli kien qed isuq il-vettura tieghu tal-ghamla BMW numru ta' registrazzjoni HBR 736 gewwa Paceville meta kellu in number plate tieghu fuq id-dashboard. Jinghad minn PS 249 li huwa mar iwaqqaf lil Wayne Portelli biex jghidlu biex jirregola ruhu fir- rigward tan-number plate. Dak il-hin innota li s-sewweiq Portelli kellu riha ta' xorb qawwija u li beda ihawwad fil-kliem. Ghalhekk talbu biex jiehu il-breathylser test izda minkejja li spejgalu li n-nuqqas ta' tehid jammonta ghal reat dan xorta irrifjuta li jissominsitra it-test.

Ghalhekk din il-Qorti rat dak li jiddisponi l-artikolu 15 A (1) , 15 E u 15H (1) ( a) tal-kap 65 tal-ligijiet ta' Malta u tiddikajra lill-appelat Wayne Portelli hati ta' dawn l-akkuzi u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' elf u tmien mitt euro (€1,800) liema multa tista' tithallas f'rati mensili u kosnekuttivi ta' mitt euro 9 e100) l-ewwel pagament hu dovut sa mhux aktar tard mill-15 ta' Dicembru 2019.

Oltre dan tordna li l-appellant jigi skwalifikat milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-ewqan ghall-perijodu ta' sitt xhur u dan ai termini tal-artikolu 15H (2) tal-kap 65 tal-ligijiet ta' Malta.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

Vera Kopja

Franklin Calleja

Deputat Registratur